

Brussell, 17 ta' Diċembru 2024  
(OR. en)

16925/24

SUSTDEV 132  
ONU 152  
ENV 1230  
DEVGEN 209  
AG 201

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                           |                                                                                                                                                                                                            |
|---------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                     | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                           |
| fi:                       | 17 ta' Diċembru 2024                                                                                                                                                                                       |
| lil:                      | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                           |
| Nru. dok. preċ.: 16513/24 |                                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett:                  | L-UE lil hinn minn nofs triq fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030: Koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli biex jitħaffef il-progress fl-SDGs – Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Diċembru 2024) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-UE lil hinn minn nofs triq fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030: Koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli biex jitħaffef il-progress fl-SDGs, kif approvati mill-Kunsill fl-4072 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Diċembru 2024.

**L-UE lil hinn minn nofs triq fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030:****KOERENZA TAL-POLITIKI GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI BIEX  
JITĦAFFEF IL-PROGRESS FL-SDGS****KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

1. *JAFFERMA MILL-ĠDID* li l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati bis-sħiħ għall-implimentazzjoni komprensiva u effettiva tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, kemm fl-azzjoni interna kif ukoll f'dik esterna tagħha, kif ukoll fi ftehimiet u strumenti multilaterali ewlenin oħra, b'mod inklużiv, ibbażat fuq l-evidenza, orjentat lejn l-azzjoni u li jħares 'il quddiem, u *JTENNI* l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD).
2. *ITENNI* li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jirrispettaw b'mod kostanti n-Nazzjonijiet Uniti u l-prinċipji minquxa fil-Karta tan-NU u ser isaħħu l-isforzi biex jippromwovu l-ordni internazzjonali u l-istat tad-dritt ibbażati fuq ir-regoli, il-multilateraliżmu, il-paċi, il-ġustizzja u l-istabbiltà dinjija, kif ukoll id-demokrazija, id-drittijiet universali tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-kisba tal-SDGs, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fil-fora internazzjonali kollha, kif affermat mill-ġdid fl-Aġenda Strateġika tal-UE 2024-2029. F'dan ir-rigward, *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-impenni u t-talbiet f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill<sup>1</sup> iddedikati għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.

---

<sup>1</sup> "Ġejjieni Ewropew sostenibbli: It-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" (ST 10370/17), "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030" (ST 8286/19), "Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 - Progress s'issa u l-passi li jmiss" (ST 14835/19), "Approċċ komprensiv biex titthaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19" (ST 9850/21) u "L-UE f'nofs l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030: Immexxu l-bidla trasformattiva u nħaffu l-progress fil-livelli kollha"(ST 11084/23) u l-Iżvilupp tal-Aġenda 2030 biex jintlaħqu l-għanijiet: Naċċelleraw il-lokalizzazzjoni tal-SDGs (ST 15939/23)

3. *JISĦAQ* li lil hinn min-nofs triq fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli fil-livell dinji, għadna 'l bogħod milli nilħqu l-SDGs kif wera r-Rapport reċenti dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli<sup>2</sup>; ikompli JISSOTTOLINJA t-tħassib tiegħu li l-miri fil-livell tal-UE mhumiex qed jagħmlu progress bil-pass it-tajjeb u li saħansitra kien hemm rigressjoni f'dawn l-aħħar snin, kif dokumentat fir-rapport ta' monitoraġġ tal-Eurostat tal-2024 dwar il-progress lejn l-SDGs<sup>3</sup>, u b'hekk *JINKORAĠĠIXXI* lill-Kummissjoni biex tiegħu kont xieraq ta' dawn ir-rigressjonijiet meta tadotta l-programm ta' ħidma tagħha li jmiss sabiex tagħmel progress lejn il-kisba tal-SDGs kemm internament kif ukoll esternament.
4. *JENFASIZZA* wkoll it-tħassib tiegħu dwar l-effetti negattivi kumulattivi tal-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità, il-pass li qed jonqos tal-azzjoni klimatika, ir-riskji dejjem akbar għas-saħħa, l-ambjent u s-sigurtà soċjali mit-tniġġis, iċ-ċiklu dinji tal-ilma mfixkel, id-deforestazzjoni, id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art, il-kriżi globali tas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, ix-xokkijiet fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi, u r-riskju dejjem akbar ta' faqar u inugwaljanzi madwar id-dinja, li jaffettwaw lin-nisa u l-bniet u l-aktar vulnerabbli b'mod partikolari, speċjalment f'pajjiżi b'sistemi ta' protezzjoni soċjali fraġili, kif ukoll dawk affettwati minn kunflitti emerġenti u rikorrenti jew theddid li qed jiżdied.
5. *JENFASIZZA* li l-paċi hija kundizzjoni fundamentali għall-iżvilupp sostenibbli: l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkundannaw il-forom kollha ta' aggressjoni u jibqgħu mħassba ħafna dwar il-kunflitti li għaddejjin madwar id-dinja, u *JTENNI* li r-rispett, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tal-bniedem huma kruċjali għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali, u b'hekk *JIRRIKONOXXI* l-interdipendenza u l-interkonnettività qawwija bejn l-SDGs u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif innotat f'bosta Riżoluzzjonijiet u rapporti tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU<sup>4</sup> mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem.

---

<sup>2</sup> The Sustainable Development Goals Report 2024 <https://unstats.un.org/sdgs/report/2024/>

<sup>3</sup> Sustainable development in the European Union: monitoring report on progress towards the SDGs in an EU context – 2024 edition. <https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-flagship-publications/w/ks-05-24-071>

<sup>4</sup> Inkluż: <https://documents.un.org/doc/undoc/gen/g19/338/40/pdf/g1933840.pdf>

## **BIEX TISSAĦĦAĦ IL-KOERENZA TAL-POLITIKA GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

6. *JILQA'* d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli 2024 (HLPF) b'attenzjoni speċjali għall-impenn mill-ministri u r-rappreżentanti għolja biex jaġixxu b'mod urġenti biex jitwettqu l-viżjoni u l-għanijiet tal-Aġenda 2030 bħala pjan ta' azzjoni għan-nies, il-pjaneta, il-prosperità, il-paċi u s-sħubija, u għall-inkoraġġiment lill-atturi rilevanti kollha biex jindirizzaw aħjar l-interkonnnessjonijiet, is-sinerġiji u l-kompromessi bejn l-SDGs u l-effetti konsegwenzjali<sup>5</sup>, speċjalment fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'hekk tissaħħaħ il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli<sup>6</sup>.
7. *JILQA'* wkoll l-eżiti tas-Summit tal-Futur, jiġifieri l-Patt għall-Futur, il-Patt Diġitali Globali u d-Dikjarazzjoni għall-Ġenerazzjonijiet Futuri bħala passi kruċjali biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni multilaterali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u jiġu protetti l-interessi tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, u *JILQA'* r-rikonoxximent mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern li l-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tiegħu huwa, u dejjem ser ikun, objettiv ċentrali tal-multilateraliżmu<sup>7</sup>.

---

<sup>5</sup> L-effetti konsegwenzjali huma effetti transfruntieri ta' xejriet nazzjonali ta' konsum, produzzjoni u kummerċ kif ukoll swieq finanzjarji fuq l-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżi oħra. Dawn huma kkategorizzati bħala effetti ambjentali, soċjoekonomiċi, ta' sigurtà, u effetti konsegwenzjali relatati mal-governanza/mal-finanzi. L-effetti konsegwenzjali negattivi jinkludu, pereżempju, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u tal-art, jew kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena tul il-ktajjen tal-provvista u tal-valur globali. <https://sdgtransformationcenter.org/spillovers>

<sup>6</sup> Dikjarazzjoni ministerjali tas-segment ta' livell għoli tas-sessjoni tal-2024 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali u l-forum politiku ta' livell għoli tal-2024 dwar l-iżvilupp sostenibbli mlaqqa' taħt l-awspiċji tal-Kunsill "Reinforcing the 2030 Aġenda for Sustainable Development and eradicating poverty in times of multiple crises: the effective delivery of sustainable, resilient and innovative solutions" <https://documents.un.org/doc/undoc/gen/n24/227/44/pdf/n2422744.pdf>

<sup>7</sup> Pact for the Future [https://www.un.org/sites/un2.un.org/files/sotf-pact\\_for\\_the\\_future\\_adopted.pdf](https://www.un.org/sites/un2.un.org/files/sotf-pact_for_the_future_adopted.pdf)

8. *JENFASIZZA* l-importanza kritika tat-tisħiħ tal-PCSD fil-politiki interni u esterni kollha biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kumplessi li qed tiffaċċa l-kompetittività tal-UE kif deskritt fir-rapporti reċenti kkummissjonati mill-Kummissjoni Ewropea: ir-Rapport ta' Draghi<sup>8</sup>, ir-Rapport ta' Letta<sup>9</sup> u r-Rapport ta' Niinistö<sup>10</sup>. Essenzjalment, il-PCSD issaħħaħ l-effettività, l-effiċjenza u l-inklużività tal-inizjattivi ta' żvilupp sostenibbli, u tappoġġa approċċi bbażati fuq is-sistemi, li jwasslu għal eżiti aħjar għan-nies, għall-pjaneta u għall-prosperità. Billi tarmonizza l-isforzi u tiffoka fuq l-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs differenti, il-PCSD għandha l-għan li timminimizza l-effetti konsegwenzjali negattivi u l-kompromessi u li timmassimizza s-sinerġiji pożittivi, filwaqt li tikkontribwixxi għal-lokalizzazzjoni tal-SDGs fil-kuntest ta' governanza f'diversi livelli, kif innotat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 (ST 15939/23)<sup>11</sup>. L-indirizzar komprensiv tal-kawżi ewlenin tal-isfidi tal-iżvilupp sostenibbli, it-tisħiħ tar-responsabbiltà, il-monitoraġġ tal-progress lejn l-SDGs u l-promozzjoni ta' proċessi ta' governanza inklużivi u parteċipattivi jrawmu l-koerenza tal-politika. Il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) għandha wkoll rwol essenzjali fil-PCSD billi tindirizza l-impatti tal-politiki tagħna fuq l-iżvilupp ta' oħrajn. *JENFASIZZA* wkoll li l-bidla minn ekonomija lineari għal ekonomija ċirkolari - mudell ekonomiku integrat fil-qalba tagħha - tista' tipprovdi soluzzjonijiet ekonomikament vijabbli, ambjentalment sostenibbli u soċjalment ġusti, u b'hekk issaħħaħ ir-reżiljenza u tippromwovi l-inklużività, u għal dan l-għan *JILQA'* d-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea li tistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-Att tagħha dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

---

<sup>8</sup> The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe [https://commission.europa.eu/topics/strengthening-european-competitiveness/eu-competitiveness-looking-ahead\\_en](https://commission.europa.eu/topics/strengthening-european-competitiveness/eu-competitiveness-looking-ahead_en)

<sup>9</sup> Enrico Letta – Much more than a market - <https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf>

<sup>10</sup> Strengthening Europe's civil and military preparedness and readiness: Report by Special Adviser Niinistö - [https://commission.europa.eu/topics/defence/safer-together-path-towards-fully-prepared-union\\_en](https://commission.europa.eu/topics/defence/safer-together-path-towards-fully-prepared-union_en)

<sup>11</sup> L-iżvilupp tal-Aġenda 2030 biex jintlaħqu l-għanijiet: Naċċelleraw il-lokalizzazzjoni tal-SDGs (ST 15939/23) <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15939-2023-INIT/en/pdf>

9. *JENFASIZZA* l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-PCSD bil-ħsieb li jiġi promoss diġalogu ma' konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni, u li jkun hemm koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej bħall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni bl-għan li jiġu pprovduti kontributi orjentati lejn l-azzjoni biex jitħaffef il-progress kemm internament kif ukoll fil-livell internazzjonali. *JILQA'* r-rwol li għandu l-Programm TSI tal-Kummissjoni fl-appoġġ tal-PCSD permezz ta' riformi ta' governanza u programmi ta' taħriġ għall-uffiċjali pubbliċi fil-livell tal-Istati Membri u *JIKKUNSIDRA* li l-azzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam tkun ta' valur biex nimxu 'l quddiem.
10. *IFAKKAR* li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 hija responsabbiltà kondiviża, li tirrikjedi sjiċda nazzjonali b'saħħitha u l-involviment kontinwu u sinifikattiv tal-partijiet ikkonċernati u l-atturi kollha, b'mod partikolari l-atturi u l-gvernijiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili, is-settur privat, id-dinja akkademika, in-nisa u ż-żgħażaġh. *JIRRIKONNOXXI* li l-iżvilupp sostenibbli jista' jinkiseb biss permezz ta' approċċ integrat, sistematiku, olistiku, ta' gvern sħiħ u tas-soċjetà kollha li jista' jqajjem kuxjenza pubblika u jippromwovi azzjoni kollettiva u koerenti fil-livelli kollha, u billi jqis il-gwida u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali, bħall-qafas tal-UNEP dwar il-kejl tal-SDG 17.14.1, ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD tal-2019 dwar il-PCSD, l-inizjattiva "Koalizzjoni Local2030" tas-sistemi tan-NU kif ukoll esperjenzi nazzjonali oħra f'dan il-qasam.
11. *JENFASIZZA* l-importanza tal-użu effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji, li jeħtieġ li jiġu mobilizzati mis-sorsi kollha, b'mod partikolari l-investimenti privati, biex jiġu appoġġati l-iżvilupp sostenibbli u l-azzjoni klimatika. F'dan ir-rigward, *JILQA'* l-isforzi għar-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali biex jissaħħaħ il-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli f'konformità mal-eżiti tas-Summit tal-Futur u inizjattivi oħra għal dak l-għan, bħall-Patt ta' Pariġi għan-Nies u l-Pjaneta, *ITENNI* l-impenn tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għar-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (FfD), li hija skedata li ssir fi Spanja fl-2025, u li hija opportunità kritika biex jiġu identifikati azzjonijiet ta' prijorità biex jgħinu biex jingħalaq id-distakk fir-riżorsi meħtieġa biex jintemmu l-faqar, il-ġuħ u l-inugwaljanzi, u biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-SDGs kollha sal-2030. F'dan ir-rigward *JISSOTTOLINJA* wkoll l-importanza kritika tat-trawwim ta' riżorsi domestiċi għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-iżvilupp, kif stabbilit mill-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, u *JTENNI* l-impenn tal-Istati Membri tal-UE għar-riforniment b'suċċess tal-IDA21 mill-Bank Dinji.

12. *JIRRIKONOXXI* r-rwol kruċjali li għandu l-finanzjament fil-kisba tal-SDGs. Huwa essenzjali li jitfasslu mekkaniżmi u strateġiji ta' finanzjament b'mod li jippromwovi l-koerenza tal-politika f'diversi setturi u livelli billi jiġi sfruttat il-potenzjal sinerġistiku tal-isforzi tal-PCSD. Sabiex jiġi appoġġat il-PCSD fil-livell tal-UE, għandu jiġi mmudellat u mkejjejl il-kontribut għall-SDGs u l-oqfsa ta' implimentazzjoni għall-ipprogrammar finanzjarju Ewropew, inkluż il-Politiki ta' Koeżjoni Ewropej. *JENFASIZZA* wkoll l-importanza ta' inizjattivi taħt il-qafas ta' Finanzi Sostenibbli tal-UE biex aktar finanzjament mis-settur privat jiġi dirett lejn l-SDGs.
13. *JENFASIZZA* l-importanza tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u tal-ġbir u l-ġhoti ta' aċċess għad-data, mingħajr piżijiet amministrattivi addizzjonali, fil-fehim tal-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs, l-appoġġ għall-istatistika ġenerali u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza, u min-naħa l-oħra l-integrazzjoni ulterjuri tal-isforzi tal-PCSD. Għalhekk, *JIRRIKONOXXI* r-rwol fundamentali tal-istatistika uffiċjali fil-produzzjoni ta' data ta' kwalità għolja, f'waqtha, affidabbli u diżaggregata kif ukoll għarfien statistiku multidimensjonali li huwa vitali għat-tfassil ta' politika olistika u integrata f'konformità mal-prattiki eżistenti. F'dan ir-rigward, *JIRRIKONOXXI* l-valutazzjoni tal-Eurostat tal-effetti konsegwenzjali tal-konsum tal-UE fid-dinja fl-aħħar rapport annwali tiegħu u *JINKORAĠĠIXXI* wkoll lill-Eurostat biex jirrieżamina bir-reqqa l-impatt tal-azzjonijiet domestiċi f'pajjiżi sħab, b'mod partikolari pajjiżi vulnerabbli ħafna, inkluż il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw, kif maħsub mill-SDG 17.14. Konsegwentement *JILQA'* d-Deċennju Internazzjonali tax-Xjenzi għall-Iżvilupp Sostenibbli 2024-2033, adottat mir-Riżoluzzjoni 77/326 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, u r-Rapport tal-2023 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali, li għandu l-għan li jiġbor fil-qosor il-bidliet trasformattivi ewlenin meħtieġa f'sitt punti ta' dħul (il-benesseri u l-kapaċitajiet tal-bniedem, l-ekonomiji sostenibbli u ġusti, is-sistemi tal-ikel u n-nutrizzjoni tajba għas-saħħa, id-dekarbonizzazzjoni tal-enerġija b'aċċess universali, l-iżvilupp urban u periurban u l-beni ambjentali komuni globali). *JILQA'* wkoll l-ewwel Rendikont Globali konkluż fil-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima COP28, li ddeskriva fid-dettall is-sitwazzjoni attwali globali rigward l-azzjoni klimatika, u s-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC, li jiġbor fil-qosor l-istat tal-għarfien dwar it-tibdil fil-klima, l-impatti u r-riskji mifruxa tiegħu, u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. U għalhekk, *IĦEĠĠEĠ* lill-Partijiet kollha biex isegwu u jirriflettu l-isforzi maqbula fid-deċiżjoni tal-GST permezz ta' implimentazzjoni rapida u ambizzjuża u biex jiżdiedu l-NDCs li għandhom jiġu ppreżentati ferm qabel il-COP30, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

14. Filwaqt li jibni fuq l-impenji eżistenti stabbiliti fit-Trattati u fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, kif ukoll fuq il-kontribut importanti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, *JENFASIZZA* l-ħtieġa urġenti li jsir progress kollettiv fl-elementi li ġejjin tal-PCSD bil-ħsieb li l-iżvilupp sostenibbli u l-Aġenda 2030 jitqiegħdu fil-qalba tal-governanza tal-UE:
- 14.1 L-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli: L-integrazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-SDGs tagħha fl-implimentazzjoni tal-Patt billi jiġu inkorporati t-tliet dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà fl-ippjanar, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi. Dan għandu jinkludi l-forniment ta' inizjattivi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet u taħriġ, inkluż workshops u pjattaformi ta' kondivizzjoni tal-għarfien għal dawk li jfasslu l-politika, immirati lejn il-kultivazzjoni tal-għarfien espert u lejn it-trawwim ta' sinerġiji ta' politika u approċċi integrati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Billi niżguraw li l-politiki rilevanti jkunu koerenti u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-kisba tal-SDGs, nistgħu ninkorporaw b'mod effettiv il-kunsiderazzjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli fl-oqsma ta' politika pertinenti kollha f'kull livell, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi.
- 14.2 Ippjanar, programmazzjoni u koordinazzjoni integrati: L-immappjar, it-tisħiħ u t-tfassil ta' mekkaniżmi u għodod għall-ippjanar, l-ipprogrammar u l-koordinazzjoni integrati fl-oqsma ta' politika rilevanti. Dan jinvolti t-tkissir tas-silos u t-trawwim tal-kollaborazzjoni fost is-setturi, filwaqt li jiġi adotta approċċ ta' prospettiva strateġika biex jiġi żgurat li l-politiki u l-azzjonijiet fl-SDGs kollha jkunu koerenti u allinjati mal-Istrateġiji ta' Żvilupp Sostenibbli, fejn dawn jeżistu. Dan jinvolti wkoll li ċ-ċiklu tal-politika jitfassal bil-ħsieb tal-iżvilupp sostenibbli.
- 14.3 Valutazzjonijiet tal-impatt tal-politika: It-twettiq ta' valutazzjonijiet regolari u sistematiki tal-impatt tal-politiki u l-programmi u l-implimentazzjoni tagħhom fuq l-SDGs huwa kruċjali. Dan jinvolti l-evalwazzjoni, fejn rilevanti ex ante, in itinere u ex post, ta' sinerġiji potenzjali, compromessi, effetti kumulattivi u konsegwenzi mhux intenzjonati, inkluż effetti konsegwenzjali negattivi f'setturi differenti u lejn pajjiżi sħab sabiex ikun jista' jsir teħid ta' deċiżjonijiet infurmat u jiġu promossi ppjanar u koerenza integrati. Il-qafas għal Regolamentazzjoni Aħjar jipprovdi linji gwida solidi u sett ta' għodod għall-valutazzjoni tal-impatt fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.



- 14.4 Monitoraġġ u rappurtar tal-koerenza tal-politika: It-trawwim ta' mekkaniżmi robusti ta' monitoraġġ u rappurtar biex jiġi segwit il-progress lejn PCSD effettiva abbażi tal-qafas tal-indikaturi 17.14.1. Dan jinkludi l-valutazzjoni regolari tal-indikaturi tal-koerenza tal-politika, l-identifikazzjoni ta' lakuni u sfidi, il-promozzjoni tat-titjib tas-sistemi ta' monitoraġġ, u l-kondiviżjoni tas-sejbiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jitrawwem teħid ta' deċiżjonijiet infurmat u responsabbiltà msaħħa, jekk u meta tkun għadha ma ġietx stabbilita.
15. *IFAKKAR* li kull pajjiż għandu r-responsabbiltà primarja għall-iżvilupp ekonomiku, ambjentali u soċjali tiegħu stess u għall-kisba tal-miri tal-SDG, filwaqt li jiġbed l-attenzjoni għar-rwol tal-prinċipju tas-sussidjarjetà artikat fit-Trattati. *JISSOTTOLINJA* li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 teħtieġ trasparenza u responsabbiltà, u għalhekk *JIRRIKONNOXXI* l-hteġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew (PE), il-Kummissjoni Ewropea u partijiet ikkonċernati oħra, b'mod partikolari l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (KtR) bħala l-vuċi tar-regġuni u l-gvernijiet lokali dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs, sabiex jissaħħu l-unità u l-koerenza fil-ħidma konġunta tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, peress li huwa essenzjali li jitfasslu soluzzjonijiet għall-kuntest lokali u li jiġi żgurat l-appoġġ tagħhom permezz ta' koordinazzjoni vertikali u orizzontali effettiva.
16. F'dan ir-rigward, *JENFASIZZA* l-importanza tar-Rieżami Volontarju tal-UE tal-2023 dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (EUVR) bħala rieżami onest, ibbażat fuq l-evidenza, orjentat lejn l-azzjoni u li jħares 'il quddiem tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż ir-rappurtar tagħha dwar il-koerenza tal-politika fl-azzjoni interna u esterna. *IĦEĠĠEĠ* lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-PCSD fl-aġenda politika tagħha u tiżgura li l-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid kollu jikkondividi r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 kif mitlub fl-ittri ta' missjoni tagħhom, u tuża qafas ta' implimentazzjoni komprensiv fi ħdan ir-riżorsi u l-mekkaniżmi eżistenti sabiex:

- 16.1 tintegra l-prinċipji tal-PCSD fiċ-ċiklu tal-politika, inkluż l-ippjanar, l-ibbaġitjar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-programmi billi tfassal għodod ta' koerenza, inkluż permezz tat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt tal-proposti leġiżlattivi tal-UE, l-approvazzjoni tal-approċċ ta' prospettiva strateġika u l-indirizzar tal-interkonnnessjonijiet (sinerġiji, compromessi u effetti konsegwenzjali) fir-rigward tal-Aġenda 2030;
- 16.2 issaħħaħ il-mekkaniżmi biex jitjieb it-tfassil integrat tal-politika u l-ipprogrammar kif ukoll il-monitoraġġ;
- 16.3 tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati, filwaqt li tistinka biex tinvolvihom fil-fażijiet taċ-ċiklu tal-politika billi tistabbilixxi mill-ġdid pjattaforma inklużiva ta' diversi partijiet ikkonċernati fi djalogu miftuħ mal-KESE u l-KtR;
- 16.4 tkompli tippromwovi l-lokalizzazzjoni tal-SDGs, inkluż permezz tar-riċerka tal-JRC, bil-ħsieb li jiġu implimentati l-konklużjonijiet tal-Kunsill "L-IŻVILUPP TAL-AĠENDA 2030 BIEX JINTLAHQQU L-GĦANIJIET: NAĊĊELLERAW IL-LOKALIZZAZZJONI TAL-SDGS";
- 16.5 Tiffaċilita t-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt regolari, inkluż fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri sabiex jiġi segwit il-progress u jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà kemm fir-rigward tal-progress tal-PCSD skont l-indikatur 17.14.1 tal-SDG, kif ukoll fir-rigward tal-politiki u l-programmi li jibnu fuq l-Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar.
17. *JAPPELLA* lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex irawmu approċċ koerenti għall-PCSD fl-azzjonijiet esterni tal-UE, inkluż sinerġiji u compromessi potenzjali, u fl-effetti transkonfinali b'attenzjoni speċifika għall-impatti tal-politiki fuq il-pajjiżi sħab, biex - mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss - jipprijoritizzaw l-użu ta' strumenti finanzjarji sostenibbli u jkomplu jużaw is-Semestru Ewropew f'konformità mal-Aġenda 2030 u l-SDGs tagħha. Barra minn hekk, *JENFASIZZA* li l-Global Gateway hija strateġija importanti għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp xprunata mill-investiment u tiffurma parti minn inizjattiva usa' tal-UE biex tappoġġa lill-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, filwaqt li tiffoka fuq l-SDGs b'mod interkonnness.